MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2015

Appell Civili Numru. 11/2015

**Michael Fenech**

**bhala mandatarju ta’ Glenn Ace Fenech**

**vs**

**L-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Glenn Ace Fenech tat-18 ta’ Marzu 2015 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-26 ta’ Frar 2015 li cahdet l-applikazzjoni PA 2746/01 ’to erect semi basement garage, maisonette, apartments plus overlying penthouse’;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:

Illi l-applikazzjoni odjerna giet rifjutata ghal din ir-raguni segwenti:

"1. The proposed development does not have a frontage on a schemed road and fails to comply with the criteria of policy 3.8 of Development Control Policy & Design Guidance 2007 in terms of design and layout, access, outlook and provision of open space."

Illi l-appell gie michud b'sentenza tat-30 ta' Lulju 2013, mit-Tribunal kif diversament kompost, fejn gie kkunsidrat is-segwenti, u cioe':

"[…]

Ezaminati fid-dettal is-sottomissjonijiet tal-partijiet, johrog car li l-argument principali li wassal ghar-rifjut odjern hu l-fatt li l-font in ezami m' ghandux access minn triq skemata; u anke jekk ghal-grazzja tal-argument jigu sorvolati il-kwistjonijiet ta' turning circle u vehicular-pedestrian access li f' ic-cirkostanzi, skond il-policy 3.8 tad-DC 2007 jirrizultaw insufficjenti; jibqa l-fatt li l-izvilupp kemm fuq dan il-font kif ukoll fuq dak adjacenti, kopert bil-permess PA 679/08, qed isir piecemeal.

Irid jigi osservat li l-policies ma jeskludux li font bhal dan jista' jigi zviluppat bhala internal development (glossarju tad-DC 2007), madankollu l-policy 3.8 citata bhala raguni ghar-rijut tistabbilixxi numru ta' parametric li jirrigwardaw l-accessibilita' u l-open spaces quddiem il-bini li f' dan il-kaz huma karenti

Kien jinhtieg ghalhekk li kieku minflok, giet intavolata applikazzjoni ghal-comprehensive development, li jinkludi kemm is-sit li llum inbena skond il-permess PA 679/08 kif ukoll dan in ezami. Setghet saret planning control (PC) application sabiex issir triq li tghaddi minn quddiem il-font approvat bil-permess PA 679/08, dan in ezami, u diversi plots ohra li jmissu ezattament maghhom – u dan sabiex ilkoll ikollhom access minn din it-triq gdida. Minflok pero', sar biss il cul-de-sac approvat bil-permess PA 679/08. Fil-fatt, fis-sottomissjonijiet taghha, l-Awtorita' tirrileva li skond il-minuta 18 fil-file tal-applikazzjoni de quo, kien gie suggerit lill-Appellant sabiex tigi intavolata PC application, izda dan kien naqas li jaghmel dan.

Dan ifisser li kif tajjeb rilevat l-Awtorita', it-talba prezenti timplika tip ta' zvilupp li bhallikieku jhares fuq triq skemata, bid-differenza pero', li t-'triq' hi dan l-istess cul-de-sac li ma jiffurmax parti minn schemed road. Di konsegwenza dan l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh."

Illi l-Qorti ta' l-Appell, b'sentenza tat-8 t'Ottubru 2014, laqghet l-appell a bazi ta' dan l-osservazzjonijiet segwenti :-

"Dan l-aggravju hu kjarament punt ta' ligi li tpogga bhala aggravju quddiem it-Tribunal cioe ttifsira ta' triq pubblika kif irid il-policy DC 2007 b'referenza ghall-izvilupp konsidrat bhala internal development. It-Tribunal ippersista li l-izvilupp ma kienx accettabbli ghax ma kellux access minn 'schemed road' pero mbaghad naqas li jispjega fid-decizjoni tieghu ghalfejn kien qed jintuza l-espressjoni 'schemed road' meta l-kwistjoni ta' zvilupp qua internal development kif kien qed jaraha t-Tribunal tirrikjedi nuqqas ta' access ghal triq pubblika. ItTribunal kellu jiddefinixxi l-kuncett ta' triq pubblika u kif din tekwivali ghal schemed road b'definizzjoni ta' schemed road u b'referenza ghal kaz partikolari, ghaliex dak li t-Tribunal isejjah bhala cul de sac bhala l-access ghal izvilupp ma setghax jigi kunsidrat bhala triq pubblika u kwindi l-izvilupp seta' jigi kunsidrat biss bhala internal development fejn allura jidhlu fatturi relatati mal-policy DC 2007 3.8, li fuqhom l-izvilupp ma kienx dikjarat accettabbli. Sfortunatament it-Tribunal assuma li triq pubblika tfisser schemed road u billi ma rrizultalux li l-cul de sac hi schemed road, l-izvilupp ma kellux access adegwat tali li ma jigix trattat bhala internal development.

Il-Qorti tqis illi r-ragunament tat-Tribunal kien nieqes mill-approfondiment necessarju biex jaghti raguni fondata fil-ligi ghaliex l-aggravju tal-appellant ma fihx mertu, u kwindi zbalja fil-ligi meta ma qies x'wasslu biex jiddeciedi li triq pubblika u schemed road kienu haga wahda u illi l-passagg, trejqa jew cul de sac ezistenti ma setghax jitqies bhala wahda jew l-ohra.

[…]

Dan l-aggravju wkoll hu meritat billi l-appellant ikkontenda illi l-izvilupp li jikkontendi hu simili ghal dan in kwistjoni PA 679/08 ma ghandux frontage kollu fuq triq pubblika ohra izda in parti ghandu frontage biss fuq dan il-cul de sac. Din il-kontenzjoni giet ventilata u argumentata mill-partijiet quddiem it-Tribunal u bhala kwistjoni ta’ sustanza t-Tribunal kellu jikkunsidraha bid-debita serjeta u jaghti r-ragunijiet tieghu dwar din il-kwistjoni b’tali mod li jew jirrifjuta aggravju bhala infondat fil-fatt u jekk le, ghaliex xorta wahda z-zewg zviluppi ma setghux jigu kunsidrati bl-istess mod.

It-Tribunal palesement naqas li jaghmel dan l-apprezzament rikjest minnu ghax kienet kwistjoni materjali u ta’ sustanza li seta’ kellha effett fuq l-ezitu tal-kwistjoni.”

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi r-raguni ta’ rifjut hija bbazat fuq il-fatt li s-sit mertu ta’ dan l-appell m’ghandux faccata fuq ‘schemed road’. Dan wassal sabiex l-Awtorita’ qieset l-izvilupp bhala ‘internal development’ li huwa regolat bil-policy 3.8 tal-linja gwida dwar il-kontrol tal-izvilupp tas-sena 2007, fejn jirrizulta li l-proposta fl-applikazzjoni odjerna ma tissodisfax il-kriterji ta’ disinn ghall-izvilupp regolati b’din l-istess policy.

Illi dan it-Tribunal huwa mitlub jikkunsidra z-zewg aggravji mressqa kemm f’dan l-appell kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell, li jikkoncernaw l-istat tal-access ghas-sit mertu ta’ dan l-appell bhala triq pubblika, u li dan l-istess access qieghed iservi ghal blokka t’apartamenti skont il-permess PA 679/08.

L-ewwel aggravju:

Illi linja gwida tiddefinixxi ‘internal development’ bhala dak l-izvilupp li m’ghandux faccata fuq triq pubblika. A bazi ta’ din id-definizzjoni, l-appellant qed jirrileva li skont diversi sentenzi tal-Qorti, kemm il-darba triq privata tinfetah ghall-pubbliku ma tistax tinghalaq, anzi ‘it-triq issir pubblika kwantu ghall-uzu taghha’. F’dan il-kuntest l-appellant qed jirrileva li l-access li jaghmel parti mis-sit mertu ta’ dan l-appell, huwa accessibli ghall-pubbliku u ghaldaqstant jikkostitwixxi triq pubblika, u f’dan ir-rigward, l-appellant qed jinsisti li l-providiment tal-policy 3.8 tal-linja gwida ma japplikax fil-kaz odjern.

Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal, l-argument principali m'ghandux jigi limitat jekk l-access ezistenti (li skont l-appellant ghalkemm privat huwa wiehed accessibli ghall-pubbliku) ghandux jitqies bhala triq pubblika jew le, imma jekk f'kuntest ta' ippjanar din it-triq jew access tohrogx minn xi pjan jew pjannijiet li jirregola l-izvilupp skont il-Kap 504.

Skont l-Att X tal-Kap 504, l-izvilupp ghandu jigi regolat skont il-pjannijiet u l-policies ta' ippjanar. Il-kuncett jekk zvilupp ghandhux faccata fuq triq jew le, u dan indipendentament jekk tali triq hijiex privata jew le, hija konsiderazzjoni li tohrog mill-pjanijiet, f'dan il-kaz il-Pjan Lokali fejn qed jindika dawk it-toroq gja ezistenti jew ippjanati (li ghad iridu jigu miftuha) fiz-zona tal-izvilupp.

It-terminu 'schemed road' li ghalkemm ma jinsab f'ebda definizzjoni, jintuza fid-diskors ta' ippjanar li fi kliem iehor qed jaghmel referenza ghal dawk it-toroq, ezisteni, pjanati jew progettati li hemm fiz-zona tal-izvilupp. Dawn it-toroq huma indikati fil-pjanijiet lokali li ssostitwixxu l-pjan regolatur (Temporary Provision Schemes – li minn hawn tohrog it-termologija ta' 'schemed roads') li kienu ghadu japplikaw bis-sahha tal-Pjan ta' Struttura sakemm gew finalizzati l-pjanijiet lokali ghal Malta u Ghawdex.

Dawn it-toroq indikati fil-pjanijiet lokali huma meqjusa bhala 'public roads' u li huma distinti minn toroq ohra privati li gew mibnija wara l-hrug ta' permess ta' zvilupp bhala f'kaz ta' internal development jew large scale development li jinkludu toroq u accessi bhala parti mill-izvilupp li gie approvat. Toroq li ma jidhrux fil-pjanijiet lokali, imam kunsidrata bhala public roads jistghu jigi nkluzi b'permezz ta' amendi minuri fil-pjanjijiet lokali kif sitpulat fil-Kap 504. Fi kliem iehor, fil-kuntest ta' ippjanar, triq pubblika hija dik it-triq ippjanata jew progettata, ossia 'schemed road', li m'ghandiex bzonn ta' permess tal-izvilupp, kuntrarju ghal triq privata li ma tohrogx minn ebda pjan regolatur jew pjan lokali u ghaldaqstant tehtieg permess tal-izvilupp.

Fil-fatt id-distinzjoni bejn triq pubblika u privata tohrog b'mod car ukoll fid-definizzjoni moghtija fil-Kap 499, fl-Avviz Legali numru 29 tas-sena 2010, li tirregola toroq godda u xoholijiet f'toroq, fejn hawnehkk triq pubblika tfisser triq li l-Awtorita' dwar it-Transport jew il-Kunisll Lokali ghandhom id-dmir li jiehdu hsieb il-manutenzjoni taghhom. Dawn it-toroq huma fil-fatt dawk it-toroq li huma suggett ghall-approvazzjoni mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar a bazi tal-Kap 504, kif elenkat fit-Taqsima III tal-istess Avviz Legali sucitata li tirregola toroq f'postijiet abitati li huma distinti minn toroq privati kif regolati fit-taqsima sussegwent fl-istess avviz legali.

F'dan il-kuntest, it-terminu ta' 'public road' uzat bhala parti mid-definizzjoni ta' 'internal development' fil-linja gwida dwar kontroll tal-izvilupp u t-terminu ta' 'schemed road' uzat fir-raguni ta' rifjut ghandhom l-istess tifsira u li huma dawk it-toroq indikati bhala toroq li mal-genb taghhom jista jsir zvilupp kif murija fil-pjanijiet lokali, jew f'emendi tal-istess pjanijiet lokali li jsiru minn zmien ghal zmien skont il-ligi.

F'dan il-kaz odjern, l-access li jaghmel parti mis-sit mertu ta' dan l-appell qed jigi muri bhala parti mill-izvilupp propost, u mhux bhala triq jew access li huwa regolat jew pjanat skont il-pjan lokali. Ghaldaqstant il-Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar kienet korretta li tqies l-izvilupp bhala internal development peress li l-izvilupp propost m'ghandux faccata fuq triq ezistenti jew pjanata skont il-pjan lokali, u ghaldaqstant japplika l-policy 3.8 fil-linja gwida tas-sena 2007.

It-Tieni Aggravju:

Illi l-access propost huwa fil-fatt estensjoni ta' access gja approvat fil-permess PA679/08 fuq sit adjacenti fuq in-naha tan-Nofsinhar. B'differenza ghas-sit mertu ta' dan l-appell, is-sit kopert bil-permess PA 679/08 jinsab bejn Triq Cicerun u Triq Tonin Attard, ghalkemm xorta gew approvati zewg blokkok t'apartamenti separati, wahda b'faccata fuq Triq Cicerun u l-ohra thares fuq l-access minn Triq Tonin Attard. F'dan il-kaz l-Awtorita' mhiex korretta li tishaq li dan il-kaz ma fiehx l-istess mertu ghax jinsab bejn zewg toroq, meta huwa evidenti li z-zewg blokkok t'apartamenti huma distinti, b'facccata fuq zewg toroq differenti.

Min naha l-ohra, dan it-Tribunal seta' jinnota li l-kwistjoni dwar faccata tal-bini li mhiex ma genb triq approvata (ossia 'schemed road') kienet ukoll sollevata fil-process tal-applikazzjoni PA 679/08, dan meta l-pjanti originali kienu biss juru faccata fuq triq, meta irrizulta li din it-triq ma kinietx taghmel parti mill-pjan lokali. Fil-fatt il-pjanti gew mibdula fejn irrizulta li parti zghira tal-faccata thares fuq Triq Tonin Attard, u l-kumplamnet kien setback minn din it-triq b'fetha quddiem l-istess blokka t'apartamenti b'access minn Triq Tonin Attard. Fil-fatt fir-rapport tal-case officer gie spjegat li f'dan il-kaz gie permess setback mill-linja tat-triq "in order to obtain a wider frontage. The proposed pedestrian access maximizes the use of the site in that it provides a larger number of apartments with light and ventilation direct through this setback."

Illi fil-kaz tal-PA 679/08 l-access kien meqjus bhala alternattiva ghal faccata dejqa li kieku kellha ssir mal-linja tat-Triq Tonin Attard. Fl-ebda mument tal-process ta' din l-applikazzjoni ma gie indikat li dan l-access kien ser iservi bhala access ghal plots ghal bini addizzjonali iktar 'il gewwa minn Triq Tonin Attard, inkluz ghal plot mertu

ta' dan l-appell. Fil-kaz odjern gie indikat indikat li dan l-access mhux biss ser iservi ghal plot proprejta tal-appellant imma ser iservi ukoll ghal xi plots ohra iktar 'il gewwa minn Triq Tonin Attard.

F'dan ir-rigward, dan it-Tribunal mhux jaqbel mal-argument tal-appellant li l-access huwa wiehed committed bil-permess PA 679/08, meta fil-kaz tal-ahhar l-access kien qieghed iservi biss bhala dahla b'access dirett minn Triq Tonin Attard ghal apartamenti approvti fuq din in-naha tas-sit kopert b'dan il-permess imsemmi, u ma kien hemm ebda hjiel li dan ser iservi ghal aktar bini 'il gewwa minn Triq Tonin Attard.

Illi kuntrarju ghal permess PA 679/08 fejn l-access kif intenzjonat bhala wiehed pedonali hekk kif l-access ghal garaxxijiet fil-livell sotterran jinsab minn Triq Cicerun, f'dan il-kaz odjern, l-access ser iservi ukoll ghal vetturi li ser jidhlu fil-garaxx propost fil-livell sotterran. Dan ukoll qieghed ibiddel in-natura tal-access li kien mahsub u approvat fil-permess PA 679/08, u ghaldaqstant f'dan il-kaz ma jistax issa jinghad li l-access huwa l-istess bhal dak approvat fil-PA 679/08.

Dan it-Tribunal qieghed jikkondividi l-konkluzzjoni tat-Tribunal diversament compost fid-decizjoni tat-30 ta' Lulju 2013, li jkun ahjar jekk dan l-izvilupp ikun parti minn zvilupp komprensiv fejn jista jigi studjat ahjar l-accessiblilita u servizzi ghal dawk l-apartamenti li qed jigi proposti f'dawn il-plots interni, inkluz is-sit mertu tal-appell, li m'ghandhomx faccata fuq triq ezistenti jew pjanata skont il-pjan lokali. Hemm possibilita ohra li m'ghandiex tigi skartata, anke mill-Awtorita' stess a bazi tal-principju ta' good planning, li tikkunsidra l-ftuh ta' access jew toroq godda f'din il-parti taz-zona tal-izvilupp ta' Marsaxlokk biex tiftah din l-art estensiva ghall-izvilupp adegwat.

Ghal dawn il-motivi u wara li gew kkunsidrati l-fattispeci tal-kaz, dan it-Tribunal qieghed jiddisponi minn dan l-appell billi jichad l-istess u jikkonferma r-rifjut.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal ghamel applikazzjoni u interpretazzjoni hazina tad-definizzjoni ta' 'triq pubblika' u 'in-natura tat-triq li taghti access ghas-sit';

2. It-Tribunal kien kontradittorju u diskriminatorju meta ikkonferma r-rifjut meta kien hemm permess simili ghal plot kontigwu (PA 679/08).

**L-ewwel aggravju**

Dan l-aggravju kien precizament wiehed mir-ragunijiet ghaliex din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-8 ta’ Ottubru 2014 fl-istess kaz irrimettiet l-atti lura lit-Tribunal biex jikkunsidra dak li kien punt ta’ kontenzjoni u aggravju specifiku tal-appellanti odjerni. Fil-fatt fis-sentenza taghha din il-Qorti kienet ordnat li t-Tribunal jispjega jekk kienx hemm distinzjoni bejn triq pubblika u schemed road u jekk fil-fatt il-passagg in kwistjoni kienx jikkwalifika bhala wahda jew ohra b’referenza partikolari ghal dak li jipprovdi l-policy 3.8 tal-linji gwida dwar il-kontroll tal-izvilupp tal-2007 ghal ‘internal development’.

Rimess lura lit-Tribunal, dan hu precizament dak li ghamel it-Tribunal fejn ikkunsidra l-kwistjoni mill-punto di vista tal-ligi tal-ippjanar. It-Tribunal sostna li schemed road ma ghandhiex definizzjoni pero wasal ghal konkluzjoni li ‘schemed road’ hi terminologija uzata ghal toroq ezistenti jew ippjanati li johorgu mill-pjanijiet lokali f’zona ta’ zvilupp. Sostna illi t-tezi tal-appellant hi li darba li passagg isir accessibbli ghal pubbliku, dan jikkostitwixxi triq pubblika u ghalhekk mhux applikabbli aktar il-policy ghal internal development. It-Tribunal sostna li f’termini ta’ ippjanar l-accessibilita mhix l-uniku konsiderazzjoni li trid issir biex jigi determinat jekk triq hix pubblika izda jekk l-access jirrizultax minnn pjan li jirregola zvilupp skond il-Kap. 504, fejn allura l-access jikkostitwixxi triq pubblika u mhux semplicement access formanti parti mill-istess zvilupp li qed jintalab jigi approvat. Biex tali accessi jsiru pubblici jew schemed iridu jigu inkluzi fil-pjan lokali, jekk hemm bzonn permezz ta’ emenda fil-pjan lokali. Ikkonkluda ghalhekk li schemed road u public road ghandhom l-istess tifsira fejn ma ghandhomx bzonn ta’ permess ta’ zvilupp ghax gia formanti parti mill-pjan lokali.

Il-Qorti, kif gia esprimiet ruhha diversi drabi, taqbel mal-appellanti illi dan il-punt hu wiehed ta’ ligi u ghalhekk kwistjoni li minnha jista’ jsir appell. Madankollu interpretazzjoni ta’ ligi hi fdata f’idejn it-Tribunal u din il-Qorti eccezjonalment biss tindahal partikolarment fejn l-interpretazzjoni tmur kontra l-kelma tal-ligi jew l-interpretazzjoni hi tant assurda li tipperikola applikazzjonijiet futuri fuq l-istess punt.

L-appellant isostni illi l-Kapitolu 504 jiddefinixxi triq bhala wahda kemm pubblika jew privata u tinkludi fost affarijiet ohra anki passagg bir-rigel inkluz jekk ma jghaddix traffiku minnha. Il-Policy and Design Guidance fuq internal developments isemmi nuqqas ta' faccata fuq 'public street' u billi l-istess glossary tal-policy ighid illi street jew road ghandu l-istess tifsira tal-Kap. 504, allura jirrizulta illi f'dan l-izvilupp hemm triq minn natura tal-istess access li gia jezisti anki b'effett tal-permess 679/08 u allura l-policy tal-internal development mhix aktar applikabbli.

Din il-Qorti tqis illi t-Tribunal ta interpretazzjoni ta' 'public street' li ma tirrizultax minn qari ta' dak li jikkostitwixxi triq fil-ligi tal-ippjanar. Id-definizzjoni ta' triq fil-Kap. 504 ma jaghmilx id-distinzjoni li ghamel it-Tribunal anzi ai finijiet tal-Kap. 504 passagg anki jekk ma jghaddix traffiku minnu anki jekk hu privat hu triq ai finijiet tal-ligi. Il-Policy and Design Guidance 2007 ghal internal development tikkwalifika li zvilupp li ma jkollux faccata fuq <u>triq pubblika</u> jitqies bhala internal development. Dak li jikkostitwixxi triq pubblika b'differenza ghal triq privata hu l-<u>uzu taghha</u> cioe hux cirkoskritt ghal proprjetarju biss jew ghal terzi (ara f'dan is-sens **Il-Pulizija vs Vincenzo Cauchi**, App Krim 11/01/1941; **Frank Attard vs Anthony Farruiga et**, App Civ 28/01/2005). Dan hu principju gurisprudenzjali li l-Qorti tqis li ghandu jigi osservat anki mit-Tribunal meta qed jitqiesu punti prettament ta' ligi u mhux semplicement ta' ippjanar.

La darba l-passagg anki b'applikazzjoni tat-tifsira ta' triq fil-Kap. 504 u intepretazzjoni gurisprudenzjali ta' dak li jikkostitwixxi triq pubblika, hu triq pubblika, it-Tribunal ma setax jerga' jillimita tali tifsira b'interpretazzjoni li ma tohrog la minn qari tal-policy u anki tal-istess tifsira tal-kelma triq fil-Kap. 504. Il-fatt illi t-triq ma tkunx tidher fil-pjan lokali taghti lok ghal konsiderazzjonijiet ta' ippjanar ohra fil-kuntest tal-izvilupp propost izda mhux li a priori l-izvilupp jitqies bhala internal development.

Il-Qorti ghalhekk eccezzjonalment tqis illi l-interpretazzjoni moghtija mit-Tribunal ghal public road fil-kuntest ta' internal development ma tirrispekkjax il-ligi tal-ippjanar fid-definizzjoni ta' road u anqas f'dak li l-gurisprudenza tqis bhala dak li jikkostitwixxi triq pubblika cioe l-uzu li jsir minnha. Ghalhekk il-Qorti qed tilqa' l-aggravju b'dan illi sta ghat-Tribunal jikkonsidra l-izvilupp mill-aspett li dan hu zvilupp fuq triq pubblika u jekk il-policies applikabbli jaghtux lok o meno ghall-approvazzjoni kif mitlub.

**It-tieni aggravju**

L-appellant qed jikkontendi li saret diskriminazzjoni fil-konfront tieghu minhabba li gia inhareg permess simili 679/08. It-Tribunal ukoll gie ordnat mill-Qorti sabiex jikkunsidra dan l-aggravju fis-sentenza taghha tat-8 ta’ Ottubru 2014.

Il-Qorti tqis illi t-Tribunal ikkunsidra z-zewg zviluppi u wasal ghal konkluzjoni li z-zewg permessi ma kienux simili u ma setghux jigu trattati bl-istess mod ghaliex l-access fil-permess 679/08 mill-passagg in kwistjoni hu biss wiehed pedonali mhux kif mitlub fl-applikazzjoni li qed tigi kunsidrata f’dan l-appell u s-sit fil-permess 679/08 kellu fattispecie teknici ta’ natura differenti minn dan in kwistjoni.

Il-Qorti taqbel mat-Tribunal illi z-zewg zviluppi ma setghux jigu trattati bl-istess mod identiku u ghalhekk ma jistax jinghad li saret xi diskriminazzjoni fil-konfront tal-appellant.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel aggravju tal-appellant u kwindi tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-26 ta’ Frar 2015, u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal biex ai termini ta’ dak deciz terga’ tirrikkunsidra l-appell fil-mertu tieghu. Spejjez ghall-Awtorita.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------